MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 258/2015

**Max Insurance Brokers Limited**
**C-50394**

**vs**

**Borderless Trading Malta Limited**

**C-59474**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta` attrici ddikjarat illi fit-3 ta' Marzu, 2014, is-Socjeta` konvenuta xtrat minghand is-Socjeta` attrici ghall-perjodu mill-1 ta' Mejju, 2014 sat-28 ta' Frar, 2015 (i) polza ta' l-assikurazzjoni kif ukoll licenzja fuq vettura bil-mutur, tat-tip Mini Cooper bin-numru ta' registrazzjoni BAT-288, u (ii) polza ta' l-assikurazzjoni kif ukoll licenzja fuq

vettura bil-mutur tat-tip Mercedes E220 bin-numru ta’ registrazzjoni BLM-888, globalment ammontanti ghas-somma ta’ elf tmien mija u sitta u tletin Ewro u ghaxar centezmi (€1,836.10c), u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-fattura hawn taht annessa u mmarkata bhala Dok.‘MIB1’, liema somma ta’ elf, tmin mija, sitta u tletin ewro u ghaxar centezmi (€1,836.10c) giet imhallsa mis-Socjeta` attrici ghan-nom tas-Socjeta` konvenuta lis-Socjeta` assikurattiva illi maghha nhargu l-poloz ta’ l-assigurazzjoni kif ukoll lil Transport Malta ghal dak li jirrigwarda l-hlas tal-licenzji rispettivi;

Illi s-Socjeta` attrici nterpellat lis-Socjeta` konvenuta sabiex taffettwa l-hlas tal-poloz relattivi u licenzji fuq imsemmija mahruga lilha u mhallsa ghan-nom taghha inkluz b’ittra legali tat-22 ta’ Dicembru, 2014 (kopja hawn annessa bhala Dok.‘MIB2’), izda s-Socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi ghalhekk is-Socjeta` attrici titlob illi dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lis-Socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta’ ta’elf tmien mija u sitta u tletin Ewro u ghaxar centezmi ta’elf tmien mija u sitta u tletin Ewro u ghaxar centezmi €1836.10c) bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment ma’ dan l-avviz bin-numru ___/2015, kif ukoll ta’ l-ittra legali mibghuta lis-Socjeta` konvenuta datata 22 ta’ Dicembru, 2014 u bl-imghax bl-oghla rata li tippermetti l-ligi mit-3 ta’ Marzu, 2014 meta nhargu l-poloz ta’ l-assikurazzjoni u l-licenzji in kwistjoni lis-Socjeta` konvenuta li hi minn issa ngunta in Subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-Socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta` attrici u l-fatt li r-rapprezentant tas-Socjeta` konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-Socjeta` konvenuta thallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta' elf, tmin mija, sitta u tletin ewro u ghaxar centezmi (€1,836.10c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-Socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------